MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 120/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Joseph Theuma**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli:

Fit-3 ta’ April, 2009 kif ukoll tul dawn l-ahhar xahrejn bi dritt li jippretendi li ghandu ipparkja truck Nru KAG-865 fl-art maghrufa bhala ta’ Sienja, fi Triq ir-Ramlija, Kirkop u kif b’ konsegwenza ta’ dan l-agir ikkostitwixxa spejjez lil Jesmond Psaila u Luke Psaila.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-22 ta’ Frar, 2011, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lil imputat hati ta’ l-akkuza migjuba kontrih u kkundannatu ghal-multa ta’ tlett mitt Ewro (€300.00).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-4 ta' Marzu, 2011, fejn talab umilment lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi thassarha u tannullaha fejn sabitu hati ta' l-unika akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni htija u piena.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

L-appellant umilment jirrileva illi, bir-rispett kollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt legalment issibu hati ta' l-akkuza ta' ragion fattasi a bazi tal-provi prodotti quddiema, u konsegwentement, jilmenta illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi.

L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, kellha l-opportunita li tippronunzja ruha u tidefinixxi l-elementi kostitutivi ta' dan ir-reat diversi drabi. Jekk wiehed jifli sew il-gurisprudenza nostrana, jsib illi l-Qrati taghna, jiddefinixxu l-elementi tar-reat in dezamina bhala:

a) Att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna.
b) L-imputat irid jammen li qed jagixxi bi dritt;
c) Ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b' idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali;
d) Li l-att ma jinkwadrax ruhu f' reat aktar gravi.

Dawn l-elementi tar-reat ta' ragion fattasi, gew definiti mill-Qorti, f'diversi kawzi, fosthom fil-kawza fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Eileen Said, fejn il-Qorti spjegat illi l-elementi ta' dan ir-reat:

Illi kif dejjem gie ritenut element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju . Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet . L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li

ghandu id-dgawdija taghha. Ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja ikollu. Hemm bzonn li jkun hemm att pozittiv li jippriva lit-terz, jew ifixklu fil-pussess tal-haga ghax kif jghid il-CARRARA (Prog. Parte Speciale Vol.5 para. 2850 :- "L' atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode . Chi e' nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia ; non delinque perche' la legge protegge lo "stato quo", il quale non puo' variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita' giudiziale ."

Bir-rispett kollu, fil-kaz in dezamina, kull ma tezisti hija semplici spekulazzjoni, u cioe, x' jigri fil-kaz illi jigi il-bowser ta' l-ghalf ta' l-annimali biex ihott. Dan qed jinghat peress illi ghalkemm l-akkuza tghid illi f' April tas-sena elfejn u disgha, kif ukoll tul dawn l-ahhar xahrejn, qieghed jipparkja t-trakk tieghu fuq art propjeta tal-parte civile, bil-konsegwenza illi qed jirrekalu danni, fil-prattika, kemm mix-xhieda ta' Luke Psaila u kemm minn dik ta' Jesmond Psaila, il-bowser tal-ghalf qatt ma gie fuq il-post, u ma setghax ihott minhabba xi agir ta' l-appellanti.

Stante illi hawnhekk l-akkuza hija ta' natura kriminali, liema filfatt trid tigi ppruvata lill hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, ried filfatt jigi ppruvat illi l-appellant kellu l-vettura tieghu ipparkjata fil-post indikat, gie l-bowser ta' l-ghalf, u ma setghax ihott propju minhabba t-truck ta; l-appellant. Dan fil-fatt ma garax, u ghalhekk l-appellant qatt ma seta jinstab hati. Ssir referenza ghal dak illi filfatt qal il-Perit Tekniku, l-Perit Mario Cassar, a pagina 7 tar-rapport tieghu: 'Illi jekk ikun ipparkjat fil-lok illi qieghed jipparkja t-trakk l-imputat, il-bowser ta' l-ghalf ghal-parte civile ma jkunx jista` jhott, jew inkella jkun difficli hafna biex jghamel dan'. Huwa car ghalhekk, illi l-akkuzat instab hati biss fuq bazi ta' suppozizzjoni, u mhux ta xi haga li grat realment.

La darba, l-appellant qed jargumenta dan kollu, jirrizulta ghalhekk, illi certametnt, l-elementi kostitutivi tar-reat ta' ragion fattasi, zgur illi ma setghu qatt jigu ppruvati.

Inoltre, ma ngiebet ebda prova illi filfatt il-vettura targata KAG865 hija filfatt propjeta ta' l-appellanti.

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi illi l-appellant u l-mara tal-parti civili ghandhom proprjeta` vicin xulxin fl-inhawi ta' Hal-Kirkop. L-appellant ghandu truck targat KAG 865 illi jhallih ipparkjat vicin l-ghalqa tal-appellant u vicin il-post fejn l-appellant jghabbi l-gwis ghal farm tieghu.

Il-parti civili qieghed jallega illi fit-3 ta' April 2009 u fix-xahrejn ta' qabel l-appellant kien qed jipparkja t-truck tieghu b'tali mod illi l-istess parti civili ma jkunx jista` jhodd il-gwis u lanqas ma jista` jkollu access ghal garage tieghu illi ghandu fil-vicin.

L-aggravju tal-appellant jikkonsisti fil-fatt illi ma giex ippruvat illi l-parti civili inkorra xi dannu bl-ipparkjar tal-vettura tieghu. Irrizulta biss spekulazzjoni x'jista` jigri jekk it-truck tal-appellant ikun qieghed ipparkjat f'posizzjoni b'tali mod illi l-parti civili ma jkunx jista` jhodd l-ghalf.

L-appellant qieghed jallega illi dan qatt ma gara u l-parti civili dejjem seta` jdahhal it-truck u jhodd l-ghalf.

Ikkunsidrat :

Peress illi t-truck hija haga mobbli mhijiex xi haga kbira illi meta l-perit tekniku acceda fuq il-post dan it-truck ma kienx ipparkjat hemmhekk. Jibqa` l-fatt pero` illi ma hemmx dubju illi t-truck in kwistjoni KAG 865 huwa proprjeta` tal-appellant kif ammetta hu stess.

Minn naha l-ohra l-parti civili jghid illi qatt ma kien f'posizzjoni illi jgib it-truck tal-ghalf ghax dejjem kien ikun hemm it-truck tal-appellant ipparkjat quddiem il-post fejn dan l-ghalf jinhadd.

L-appellant jallega illi huwa jista` jipparkja f'dik il-posizzjoni ghax fil-fehma tieghu l-pjazzetta jew il-post fejn jipparkja t-truck hija ta' kulhadd, jew addirittura ma jafx ta'

min hi. Jghid testwalment « ***il-porzjon ta' art fejn nipparkja t-truck hija ta' kulhadd. Il-pjazzetta b'xi mod jew iehor kulhadd qed juzaha***. »

Ikkunsidrat :

Fil-rapport tieghu l-perit tekniku kkonkluda illi l-art illi fuqha qed jipparkja t-truck l-appellant hija proprjeta` ta' mart il-parti civili.

L-appellant ghandu garage fil-pjazzetta meritu tal-kaz, biss jippreferi li jipparkja t-truck biswiet it-toqba minn fejn il-parti civili jdahhlu l-ghalf. L-appellant stess ammetta illi gieli jhalli t-truck ipparkjat fil-pjazzetta anki meta ma jkunx fl-ghalqa tieghu li tinsab biswiet il-pjazzetta. Illi meta t-truck ikun ipparkjat, dan ifixkel l-access ghal garage tal-parti civili, kif ukoll ifixkel lill-istess parti civili li jhodd l-ghalf ghar-razzett tieghu. Dawn ic-cirkostanzi jinkwadru fis-shih fl-elementi tar-reat ta' ragjon fattasi kif gew magisterjalment migbura fid-definizjoni analitika moghtija mill-Imhallef William Harding fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet « Il-Pulizija vs Giuseppe Bonavia et » (App. Krim. 14 t'Ottubru 1944 Vol. XXXII part IV page 768) u dawn jinkludu :
a. att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna ;
b. l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt ;
c. ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process illegali ;
d. li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi.

Illi kif dejjem gie ritenut element importanti kostitwiv ta' dan ir-reat hu dak intenzjonali, fis-sens illi l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb illi huwa qed jezercita` dritt illi huwa jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew ta' danni volontarji ta' proprjeta` ta' haddiehor. Ghalhekk hemm bzonn li ssir indagni fuq il-movent li jkun wassal lil persuna li kkommettiet dan ir-reat biex taghmel dak illi ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn dritt fuq haga li ghandu t-tgawdija taghha. Invece, r-reat ma jissustiex meta l-att

materjali jikkonsisti fir-ritensjoni ta' pussess li dak li jkun gja jkollu. Hemm bzonn li jkun hemm att posittiv li jippriva lil terz jew li jfixklu fil-pussess jew tgawdija tal-haga.

Issa fil-kaz in ezami ma hemmx dubju illi l-art illi fuqha l-appellant qed jipparkja t-truck tieghu hija proprjeta` tal-parti civili. Minkejja d-dissens esplicitu tal-parti civili l-appellant qieghed jinsisti illi huwa ghandu dritt li jipparkja l-vettura tieghu fuq din l-art. Dana l-ghaliex, fi kliemu stess, dik l-art tappartjeni lil kulhadd u kulhadd ghandu d-dritt juzaha.

L-appellant jaf illi hemm min qieghed jirreklama d-drittijiet fuq din l-art u jaf ukoll illi l-agir tieghu qed ikun ta' inkonvenjent u dannu kbir ghal parti civili. Jekk allura jidhirlu illi ghandu drittijiet fuq din l-art, imissu adixxa lil Qorti kompetenti u mhux jiddeciedi li jipparkja l-vettura tieghu ghad-dannu ta' haddiehor. L-agir tal-appellant ma jikkostitwiex reat aktar serju ghax ma hemmx kwistjonijiet dwar danni volontarji fuq proprjeta` ta' terzi jew allegazzjonijiet ta' serq.

Dan ifisser kwindi illi l-elementi kostitwivi tar-reat ta' ragjon fattasi huma kollha sodisfatti u l-Ewwel Qorti kienet korretta meta hija sabet htija.

Hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

Din il-Qorti ghamlet apprezzament approfondit tal-provi illi kellha quddiemha l-Ewwel Qorti u waslet ghall-konkluzzjoni illi dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha. Ghalhekk mhux il-kaz li s-sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta` w tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------